# Hajja Salesjana

SETTEMBRU-OTTUBRU 2011
il-221 Ħarġa




The Yellow Kite

Il-Beatu Ġwanni Pawlu II

A miraculous encounter with Don Bosco in Malta

The Logo of the Salesians of Don Bosco is made up of two superimposed images: in the background a stylised "S" (Salesians) in white marked to the right and left by two cuttings between the hills (a road). The second image is in the centre of the globe: an arrow pointing upwards resting on three perpendicular legs on top of which are three closed circles making a stylised image of three people: the first of these in the midde and taller (the Salesian) appears as if embracing the side figures (the young). The three stylised figures can also be viewed as an arrow pointing upwards (education / formation) or simply as a dwelling (Salesian house) with three pillars holding it up (reason, religion, loving kindness).



The coat of arms of the Salesian Congregation shows the shining star, the large anchor, the heart on fire symbolizing faith, hope and charity; the figure of St. Francis de Sales recalling the Patron of the Society; the small wood in the lower part reminds us of the Founder (Bosco) the high mountains signify the heights of perfection towards which members strive; the interwoven palm and laurel that enfold the shield either side are emblematic of the prize reserved for a sacrificial and virtuous life. The motto Da mihi animas, caetera tolle (give me souls, take the rest) expresses every Salesian's ideal.

**Ħajja Salesjana**
St. Patrick's School, Triq San Ġwann Bosco,
Sliema SLM 1925 - MALTA
Tel. (+356) 2133 0238 / (+00356) 9986 1586
e-mail: hajjasal@salesiansmalta.org

*Il-Bulettin Salesjan, imsejjaħ b'diversi ismijiet, jiġi stampat f'56 edizzjoni u f' 29 ilsien madwar id-dinja u huwa mxerred fi 131 nazzjon*

Responsible: Fr. Paul Formosa SDB
Director/ Editor: Fr. Joseph Cini SDB
Editorial Board : Margaret Buhagiar, Andre Camilleri, Matthew Borg, Josie Grech.
Office: Eileen Alden, Joyce Scicluna.
Design & Printing: Salesian Press, Sliema.

Tista taqra ħajja Salesjana fuq il-kompjuter:
**http://www.salesiansmalta.org**

*Front Cover: Sensiela ta' xbihat tal-Madonna.*

## Fuqiex se naqraw

Maltese Salesian Past Pupils Of Victoria Australia 9
A miraculous encounter with Don Bosco in Malta 10
Don Bosco Around the World 12
Il-Beata Alessandrina Marija da Costa 14
Il-Beatu Ġwanni Pawlu II 16
Malta Salesjana 20
Saint Mary Mazzarello 22
The yellow kite 24
Salesjani fl-Afrika 25
Marija maġenbi 26
Il-Lejl it-tajjeb... imma mhux dejjem! 28
Dun Bosco fis-santi u kartolini 30
SPYS: Żgħażagħ B'Inizzjattiva! 33

Editorjal / Pedagoġija / Caledar of events / Something to think about / Marian Apparitions

# Marija: **Ħarsien u Għajnuna**

Tajjeb li l-qarrejja tagħna jkunu jafu li hemm rabta ċara u qawwija bejn il-festa ta' Marija Għajnuna tal-Insara, li tinżamm nhar il-24 ta' Mejju, u l-festa tal-Madonna tar-Rużarju li niċċelebraw nhar is-7 ta' Ottubru.

Fis-sena 1571, il-kmandant tal-flotta Torka, li kienu qegħdin jheddu li jinvadu u jeqirdu r-reliġjon nisranija mill-Ewropa kollha, ġie megħlub fl-ibħra ta' Lepanto nhar is-7 ta' Ottubru, u l-biċċa l-kbira tal-flotta Musulmana waqgħet f'idejn l-Insara. Sabiex tibqa' titfakkar din ir-rebħa kbira, il-Papa Piu V ordna li titlu ġdid ta' MARIJA GĦAJNUNA TAL-INSARA jiġi miżjud fil-litanija tal-Verġni Mbierka. Fl-anniversarju ta' din ir-rebħa, l-istess Papa introduċa l-Festa tal-Madonna tar-Rużarju li kellha tinżamm kull sena nhar is-7 ta' Ottubru, il-jum meta Marija Għajnuna tal-Insara għenet lill-Insara f'Lepanto sabiex isalvaw u jippreservaw il-fidi fl-Europa.

Ħafna snin wara, fl-1815, il-Papa Piu VII, malli nħeles minn taħt idejn Napuljun, amar li l-festa ta' Marija Għajnuna tal-Insara tibda tinżamm nhar l-24 ta' Mejju. Hekku mbagħad li fl-1861, il-Madonna tgħarraf lil San Ġwann Bosco li hija xtaqet li tinxtered devozzjoni lejha bit-titlu ta' 'Għajnuna tal-Insara'. Dun Bosco wettaq ix-xewqa tal-Madonna u mhux biss bena Bażilka f'Turin u waqqaf, ma' Marija Domenica Mazzarello, is-Sorijiet Salesjani li jissejħu 'Ulied Marija Għajnuna tal-Insara', imma wkoll ta bidu għal Assoċjazzjoni ta' 'Devoti ta' Marija Awżiljatriċi'. Huwa kiteb u ppubblika artikli u kotba fuq Marija, insista fuq ir-reċta ta' kuljum tar-RUŻARJU, b'devozzjoni, bħala l-aqwa talba lil Marija.

Wara dan li għidna, wieħed jista' jara l-konnessjoni ċara bejn iż-żewġ titli tal-Madonna, dak ta' Marija Għajnuna tal-Insara u dak ta' Sidtna tar-Rużarju; u jara li did-devozzjoni ma jinsihiex speċjalment matul ix-xhur ta' Mejju u Ottubru.

Imma nistgħu ngħidu li teżisti rabta oħra bejn l-Ewropa tal-1571 u l-Ewropa tal-2011 li fuqha nixtieq niġbed l-attenzjoni tagħkom. Ser ikollna forsi ngħidu li t-tneħħija tal-fidi fl-Ewropa, li ma seħħitx fl-imgħoddi permezz tal-ġlied u gwerer, qiegħda titwettaq illum bil-ħafna nies nhux insara li daħlu fl-Ewropa u bis-sekularizzazzjoni? Ma għadniex kemm smajna li kien hemm min ried ineħħi l-Kurċifiss minn kull post pubbliku fl-Ewropa? Għadna nistgħu nasserixxu li l-Ewropa hija nisranija?

X'sejrin nagħmlu għal dan kollu? Jiena nissuġġerixxi t-talba tar-Rużarju bħala l-aħjar soluzzjoni, sabiex Sidtna Marija Għajnuna tal-Insara tista' dejjem tibqa' OMM U SULTANA TAL-EWROPA.

**Fr. Francis Zammit SDB**

**Sabiex tibqa' titfakkar din ir-rebħa kbira, il-Papa Piu V ordna li titlu ġdid ta' MARIJA GĦAJNUNA TAL-INSARA jiġi miżjud fil-litanija tal-Verġni Mbierka.**



I would like to draw the attention of our readers to a clear and strong relation which exists between the Feast of Mary Help of Christians, held on May 24th and the Feast of Our Lady of the Rosary, held on October 7th.

In the year 1571, the Commander of the Turks, who were threatening to invade and dechristianize the whole of Europe, was defeated on the waters of Lepanto on October 7th, and most of the Moslem fleet fell under the power of the Christians.

In order to perpetuate the memory of this great victory, Pope Pius V ordered that a new invocation, MARY HELP OF CHRISTIANS, be added to the litany of the Blessed Virgin. On the anniversary of the victory, the same Pope introduced the Feast of Our Lady of the Rosary to be held each year on October 7th, the day Mary Help of Christians helped the Christians in Lepanto to save and preserve the Christian faith in Europe.

In 1815, Pope Pius VII, upon being freed from imprisonment, fixed the Feast of Mary Help of Christians

on May 24th. In 1861, Our Lady made known to St.John Bosco that she wished devotion to her to be spread under the title of 'Help of Christians'. To comply with her wish, Don Bosco not only built her a great Basilica in Turin and co-founded a Religious Congregation of women, the Salesian Sisters, but he also started a lay association of devotees. He wrote and published books and articles about her, and also insisted on saying THE ROSARY, with devotion, every day as one of the best prayers to Mary Help of Christians.

Therefore, one can now see that there is a clear link between the two titles of the Madonna, that of Mary Help of Christians and the other one of Our Lady of the Rosary, a devotion which we should not forget to practise during the months of May & October.

There is yet another actual relation between Europe of 1571 and Europe of 2011 to which I would like to draw the attention of our readers. Can it be said that, the dechristianizing of Europe which failed to be successful then through confrontation and fighting, is being done today through infiltration and secularization? Was it not suggested lately that even the Crucifix should disappear from Europe's public life? Can we still boast of a Christian Europe?

What are we going to do about it? May I suggest the praying of the rosary as one of the best things to do so that Our Lady, Mary Help of Christians, will always remain THE MOTHER AND QUEEN OF EUROPE.

**Fr.Francis Zammit SDB**

**In order to perpetuate the memory of this great victory, Pope Pius V ordered that a new invocation, MARY HELP OF CHRISTIANS, be added to the litany of the Blessed Virgin.**






Minn Pascual Chavez - Trad. Joe Cini

# PEDAGOĠIJA Salesjana

Kummenti fuq li Strenna 2011 : **Ejjew u Taraw**

## "IL-ĦAJJA HIJA VOKAZZJONI"

Għeżież ħbieb, qarrejja tal-Bullettin Salesjan, hekk kif matul is-sena li għaddiet kellimtkom fuq 'Ġesù tiegħi', din is-sena sejjer nikteb fuq Il-ħajja bħala vokazzjoni. U bi ħsiebni niktbilkom dwar persunaġġi li bħala bnedmin u nsara għexu l-ħajja bis-sħiħ għaliex skoprew u għexu l-vokazzjoni tagħhom.

## IL-BEATU ALBERTU MARVELLI (1918-1946)

### *IL-VOKAZZJONI TA' PAST PUPIL SALESJAN*

Huwa l-ewwel Past Pupil Salesjan li ġie ddikjarat Beatu. Dan huwa rikonoxximent lis-sistema edukattiva Salesjana li kapaċi tifforma qaddisin. Alberto għex il-vokazzjoni tiegħu bħala lajk fid-dinja, mhux b'sens negattiv, imma bħallikieku kienet l-għalqa tal-Mulej, fejn ħadem bi bżulija u mħabba. F'kull ċirkustanza li fiha sab ruħu, Albertu għexha ta' qaddis, bil-kuraġġ u l-imħabba,



u bidilha f'okkażjoni ta' salvazzjoni għal kulħadd. Il-ħajja ta' Albertu Marvelli u l-inħawi fejn immatura u kiber huma l-Oratorju Salesjan ta' Rimini u l-Parroċċa ta' Marija Għajnuna tal-Insara. Is-sejħa ta' Alla ġietu minn ħdan il-familja u minn ħajja tassew nisranija.

L-eżempju u l-ġibda lejn Domenico Savio kienu qawwijin: Albertu kien jitlob b'attenzjoni, jgħallem il-katekiżmu b'dedikazzjoni, u juri żelu, mħabba, kalma u safa. Huwa kien jintgħażel minn sħabu tal-Oratorju minħabba dawn il-virtujiet kif ukoll għax kien jagħmel kollox b'mod spontanju u mingħajr ebda xkiel: propju bi stil Salesjan. Ta' 15-il sena intgħażel bħala Delegat tal-Aspiranti u bħala wieħed mil-leaders fl-Oratorju fejn kien jagħti sehmu b'dedikazzjoni kbira u jmexxi liż-żgħażagħ fil-logħob u d-divertiment. Bniedem ġeneruż, bravu, b'memorja tajba u personalità qawwija, mmexxija minn sens profond ta' responsabbiltà u ġustizzja. Huwa kien ta' eżempju qawwi għal sħabu u rrispettat minn kulħadd għall-kwalitajiet sbieħ tiegħu.

## JIMXI WARA ĠESÙ

Ir-rebħa fuqu nnifsu ġrat bil-mod u b'diffikultà. F'dawn il-mumenti kibret ġewwa fih ix-xewqa profonda li jkun ta' Ġesù u li jimxi warajH. Hekk jikteb fid-djarju tiegħu: "Ma hemmx lok għall-għażla: wieħed ma jistax jaqdi lil Ġesù u lix-Xitan, lill-grazzja u lid-dnub. Jien irrid inkun kollni ta' Ġesù, kollni kemm jien. Jekk sa issa ma kontx għadni ċert, minn issa 'l quddiem m'hemmx aktar tlaqliq; għażilt it-triq: li nbati kollox imma li ma nidnibx aktar. Ġesù, il-mewt iva, id-dnub le; għinni nżomm dil-wegħda"

Reġa' kiteb hekk: "Li taqdi huwa aħjar milli tkun moqdi. Ġesù jaqdi!" Meta laħaq perit u beda jaħdem fil-bini tal-belt wara l-gwerra, ma kienx joqgħod lura milli jieħu ħsieb il-bżonnijiet tan-nies. Meta xi ħadd rah tant impenjat u qallu sabiex

**Albertu kien jitlob b'attenzjoni, jgħallem il-katekiżmu b'dedikazzjoni, u juri żelu, mħabba, kalma u safa. Huwa kien jintgħażel minn sħabu tal-Oratorju minħabba dawn il-virtujiet kif ukoll għax kien jagħmel kollox b'mod spontanju u mingħajr ebda xkiel: propju bi stil Salesjan.**

jagħti aktar każ tal-affarijiet tal-knisja, wieġeb, "Dan ukoll huwa qadi ta' Kristu", u b'hekk wera s-siwi tal-vokazzjoni ta' lajk mehdi fix-xogħol fis-soċjetà. Kien jieħu ħsieb xi foqra wkoll, u kien jitlob għalihom.

Fis-sajf tal-1946, wara żmien twil ta' riflessjoni, jiddeċiedi dwar il-vokazzjoni tiegħu li għal xi żmien ma kienx jaf kinetx ser tkun bħala reliġjuż jew bħala saċerdot. Imm' issa ddeċieda: jibda familja u jitlob lil Marilena Aldè minn Lecco li tkun is-sieħba tiegħu. Minħabba l-ħbiberija spiritwali li kien hemm bejniethom meta kienu studenti, Albertu ħaseb li jkellem lil Marilena dwar l-intenzjoni tiegħu. Nhar is-27 ta' Awwissu kitbilha fit-tul. "...qed inħoss qalbi tħabbat u niftakar fik, wara li rajtek, sabiħa bħal dejjem, u għajnejk daqsxejn imnikkta imma mimlijin ħniena. Hu forsi dan qawmien ta' mħabbti?..." Ma ġiet ebda risposta għal din l-ittra ; imma Albertu huwa mħejji anke għal dan id-diżappunt. "Inħobb lil Alla wisq biex issa nirvella jew inxerred id-dmugħ dwar ir-rieda tiegħu... lil din ir-rieda jeħtieġ li nissagrifikaw xewqatna u l-ħolm ta' din l-art."

Il-ħajja ta' Albertu hija sejħa qawwija lil-lajċi kollha, "*sabiex tkunu xhieda tal-fidi permezz tal-virtujiet proprji tagħkom... Tonqsux li turu li l-Vanġelu huwa ta' żmienna u li l-fidi ma taqtagħniex mill-istorja imma tħawwilna fiha aktar fil-fond...*" Hekk kiteb Ġwanni Pawlu II.



2011

# CALENDAR OF SALESIAN FEASTS & EVENTS

## SEPTEMBER

| | | |
|---|---|---|
| Fri | 2 | First Friday Devotions at St. Patrick's, at 6.15 p.m. |
| Wed | 7 | Salesian Cooperators - Sliema - monthly meeting at 6.00 p.m. |
| Sat | 10 | Prayer Day for Salesian Missions |
| Thu | 22 | **Blessed Spanish Martyrs** (killed by Communists during Spanish Civil War) |
| Mon | 26 | Start of the new Scholastic Year. Commemoration of Mary Help of Christians at St. Patrick's- 6.30 p.m. |

## OCTOBER

| | | |
|---|---|---|
| Wed | 5 | **Blessed Alberto Marvelli** (Lay member of the Salesian Family). Salesian Cooperators - Sliema - monthly meeting at 6.00 p.m. |
| Fri | 7 | First Friday Devotions at St. Patrick's, at 6.15 p.m. |
| Mon | 10 | Prayer Day for Salesian Missions |
| Thu | 13 | **Blessed Alessandrina M da Costa** (Salesian Cooperator) |
| Sun | 16 | Norwegian Choir will sing at 10.15 Mass in St. Patrick's, and give short concert after Mass. |
| Sat | 22 | **Blessed John Paul II** |
| Mon | 24 | Commemoration of Mary Help of Christians at St. Patrick's - 6.30 p.m. **Blessed Luigi Guanella** (Ħadem ma' D.Bosco u kien Salesjan għal 3 snin) |
| Sat | 29 | **Blessed Michael Rua** (First Successor of Don Bosco) |

## NOVEMBER

| | | |
|---|---|---|
| Tue | 1 | **All Saints Day** |
| 1-2 | | Mid-Term school holidays |
| Wed | 2 | Salesian Cooperators - Sliema - monthly meeting at 6.00 p.m. |
| Fri | 5 | First Friday Devotions at St. Patrick's, at 6.15 p.m. |

**Read ħajja Salesjana on the website:** www.salesiansmalta.org
**Pictures of Don Bosco set to reflective music:** http://www.youtube.com/watch?v=e1dVsM9KAbw



By Joe Sacco

# Maltese Salesian Past Pupils *Of Victoria Australia*

## Mourning of a friend and a Past Pupil

In 1932 at the age of 7, Dominic Bonello started attending the Salesian Oratory in Sliema, Malta. Most of his younger days were spent at the Oratory until he joined the army during World War 2.

In 1955 Dominic migrate to Australia, with his wife Annie and settled in Melbourne.

In 1958 the group 'Salesian Old Boys' was formed and Dominic was one of its first member.

Dominic has been an active committee member of the group, serving as a PRO, President and Vice President for 50 years, when in 2008 Dominic had to retire due to health reasons. In 1998, Dominic was made the first Life Member of the Association.

On Saturday 28th May 2011, although not well in health and feeling very tired, Dominic was present for the 52nd Annual Charity Ball and some of his last words to me were, "This is my last time, Joe." And so it was.




Dominic is certainly with God enjoying eternal rest, but he will always be present with us, Past Pupils, in many memories of good times spent in his company. - Appreciation by Joe Sacco.



## Fr Bertagnolli on the Queens Birthday Honours list

On Monday 13 June, the Australian Government released the traditional Queens Birthday Honours list for 2011 with the names of those honoured for their distinguished services to the community. Among those awarded the Medal of the Order of Australia (OAM) was Fr Ferruccio Bertagnolli SDB, currently the Rector of the Salesian community in Hobart, Tasmania. Fr Bertagnolli, known as Frank in his community, received this honour for his "services to youth and to the Order of the Salesians of Don Bosco".



Chines parishioners in St. Patrick's

# A miraculous encounter with Don Bosco in Malta

**Anthony Lui – Hong Kong**

*It dated back to last December that my wife and I chose Malta as our honeymoon destination. We would admit that the scenery, the history, the buses and the people besides the strong presence of the Catholic Church, attracted my wife and me to this tiny dot on the map, thousands of miles from another tiny dot where we lived.*

Although we noticed that English was widely spoken in this country as we started to plan our journey, it was not until a couple of weeks before the trip that we realised the small number of English masses in this archipelago. As we browsed through the list downloaded from Maltese Church website, we could not make up our mind which church we should go to on Sunday mornings because of the different timings of masses at different locations. We left this with God and decided to go wherever we could.

We tried to read the list more carefully in the hotel on Saturday evening and discovered that St Patrick's church suited our time most. The name of the street where it situated told us that it must be operated by the Salesian Fathers.

As we approached the church long before the mass time, we strolled through the nearby streets and lanes. The statues, the names of oratory, schools, clubs, residences and theatre surrounding the church gave me an impression that a small Salesian district had been built here.

As we arrived at the church, the chaplain greeted us and asked where we came from. He was surprised that a Hong Kong couple turned up in a church in such an inconspicuous location in Sliema. He was more surprised that we had heard of the Salesian Fathers. He was delighted to know that I am a Salesian Co-operator.

We were equally surprised that the priest introduced us to meet other Chinese in the church and learnt that quite a few Chinese lived in a country which we Chinese had barely heard of. With the participation of believers from different parts of the world, the atmosphere of the mass was a complete contrast from facing the expressionless congregation of the elderly we read scripts of every Sunday. As a Salesian Co-operator, I felt I fulfilled a tiny bit of my duty as I delivered the offerings of bread and wine to the altar.

Divorce Referendum was a very hot topic in this Catholic country during our visit. Pros and cons flooded the contents of newspapers, television and even billboards. Although 98% of the population is said to be Catholic, we felt sorry to see that not as many people stand firm on the Church's doctrine. However, this had reminded us to treasure our divine responsibility of marriage.

Amongst other beautiful memories, churches and statues around the country, the experience in the mass had reminded us to always give God the highest priority.


Anthony Lui and Fr. Joe



# Don Bosco Around the World

**In preparation for the celebration of the Bi-Centenary of the birth of St. John Bosco (16th August 1815), the relics of the saint are going around the Salesian world. The urn contains a life-size statue of the saint, a copy of the one in the Basilica of Mary Help of Christians in Turin, with some bones of the saint in it. In 2014 it will visit Malta.**



**China - Hong Kong** - On the occasion of the visit of Don Bosco's casket, on Sunday 27 March - 1st April, the presence of the relics was the occasion to recall the real value of devotion to the saints and relics, and the importance of the sacrament of Reconciliation.

On the evening of 30 March the confreres renewed their vows and re-offered themselves to Mary Help of Christians in a night prayer meeting. On Thursday 31 March, the casket was taken to the Cathedral of Hong Kong. There the Salesian Cardinal Joseph Zen Ze-kiun, presided at a concelebrated Mass. On 1 April, Don Bosco's casket was taken on board a boat for Macao.





**China - Macao.** The arrival of Don Bosco's relic in Macau was a momentous occasion for the Salesian communities there. The 2nd April was Salesian Youth day in Macau and this gave thousands of young people a chance to encounter the Saint, pray and play. The climax of the Macau visit was the procession with the Relic to the Macau Cathedral and the subsequent solemn Mass celebrated by Bishop Lai and concelebrated by Salesians and diocesan priests.

**(India - Manipur)** On 2 May the reliquary of Don Bosco reached the villages of Puni Pfosemai, Pangomoul and Senapati. Hundreds of people gave homage to the founder of the Salesians. In Pangmoul Don Bosco received the veneration and prayers of the Kuki tribe. In Senapati, enlivened by the St John Bosco parish choir, a total of about 5000 people prayed in front of the casket. The following day it was the turn of Don Bosco College Maram, the only Salesian College in Manipur, to welcome the reliquary. A thousand more students and local members of the Salesian Family met the casket 5 km from the campus and accompanied it in procession, carrying banners and wearing traditional costumes, singing hymns and involving the local people in the welcome ceremony. On Wednesday 4 May the casket paused in the village of Mao Gate greeted with a firework display and cries of 'Viva Don Bosco' from the 8000 present. On the morning of Thurday 5 May, the reliquary was brought to Kohima Cathedral for a solemn Mass of Thanksgiving.

# Il-Beata Alessandrina Marija da Costa

30 ta' Marzu 1904 – 13 ta' Ottubru 1955

## MIRAKLU ĦAJ TAL-EWKARISTIJA

It-13 ta' Ottubru ħafna nies jafuh bħala l-anniversarju tad-dehra tal-Madonna u tal-miraklu tax-xemx ġewwa Fatima, imma jaħbat ukoll l-anniversarju tal-mewt tal-mistika u ruħ vittma Portugiża, il-Beata Alessandrina Maria da Costa, li ħajjitha kienet marbuta mil-qrib mal-ġrajjiet ta' Fatima. Fl-2004, il-Papa Ġwanni Pawlu II ddikjara beata lil Alessandrina u ordna li l-festa tagħha ssir f'din id-data - jiġifieri fit-13 ta' Ottubru.

Kliem tal-Mulej Ġesù: "**Imberkin l-erwieħ li għad isejħu lil ismek meta inti tkun il-Ġenna**." (mid-Djarju tal-Beata Alessandrina).

Alessandrina twieldet fit-30 ta' Marzu 1904 f'Balasar, raħal ċkejken fil-kampanja xi 40 mil in-naħa ta' fuq minn Porto. Meta kellha 14-il sena, attentat fuq il-virtù tagħha kellu jħalli warajh konsegwenzi tremendi. Fl-1918 filwaqt li Alessandrina, oħtha Deolinda u ħabiba tagħhom kienu jinsabu d-dar, tlett irġiel fis-sakra daħlu fuqhom biex jistuprawhom. Biex teħles minn dan l-attakk, Alessandrina qabżet minn tieqa u waqgħet 12- il pied fuq art iebsa. Riżultat ta' dan kien li x-xewka ta' daharha ġarrbet ħsara irriversibbli. Il-kundizzjoni tagħha bdiet sejra għall-agħar u fl-24 ta' April 1924, fl-għomor ta' għoxrin sena nxteħtet f'qiegħ ta' sodda.

Alessandrina bdiet tifhem li t-tbatija kellha tkun il-vokazzjoni tagħha. Fl-1931, hija daħlet f'estasi u semgħet lill-Mulej Ġesù jikkonfermalha l-vokazzjoni tagħha bħala ruħ vittma, meta talabha: "Tħobb, tbati u tagħmel riparazzjoni." Hija tat il-kunsens tagħha u talbet lill-Mulej Ġesù jagħtiha l-grazzja li kienet teħtieġ biex taqdi l-missjoni tagħha ta' tbatija għall-umanità.

Din kienet l-ewwel waħda minn ħafna drabi li fihom daħlet f'estasi.

Madwar l-1935 Alessandrina bdiet tirċievi messaġġi mingħand il-Mulej Ġesù li wissieha li t-Tieni Gwerra Dinjija kienet sa sseħħ bħala kastig għad-dnubiet tal-umanità, u setgħet tkun evitata biss permezz tal-konsagrazzjoni tad-dinja lill-Qalb bla tebgħa ta' Marija. Ġesù ħeġġeġ lill-Alessandrina, permezz tad-direttur spiritwali tagħha, biex titlob lill-Qdusija tiegħu l-Papa jagħmel din il-konsagrazzjoni, u hi kellha titlob u toffri t-tbatijiet tagħha biex dan iseħħ. Minn dak iż-żmien 'il quddiem, hija offriet kollox għal din l-intenzjoni.

Alessandra qalet **iva** għat-talba ta' Ġesù li kull nhar ta' Ġimgħa hija tgħix b'mod mistiku l-Passjoni ta' Kristu biex isseħħ il-konsagrazzjoni tad-dinja lill-Qalb bla tebgħa ta' Marija. Fit-3 ta' Ottubru 1938, bdew l-estasi tal-Passjoni, u dawk kollha li kienu preżenti fil-kamra tagħha baqgħu mistagħġbin b'dak li ġara. Din il-mara, li kienet ilha fis-sodda kompletament ipparalizzata għal iktar minn 14-il sena, f'daqqa waħda qamet u setgħet iddur mal-kamra. Kull nhar ta' Ġimgħa sal-1942, waqt dawn l-estasi, Alessandrina sofriet kollox mill-Agunija sal-Kruċifissjoni. Ġesù qalilha li l-Papa kien iddeċieda li jikkonsagra d-dinja lill-Qalb bla tebgħa ta' Marija. Il-Papa Piju XII għamel il-Konsagrazzjoni fil-31 ta' Ottubru 1942, ħaġa li naqqset minn kemm kellha ddum it-Tieni Gwerra Dinjija. Għalkemm Alessandrina ferħet fuq li ferħet li l-konsagrazzjoni kienet saret, il-missjoni

tagħha tat-tbatija kienet għada ma waslitx fit-tmiem. Fil-fatt kellha tidħol f'fażi ġdida u aktar tal-għaġeb - sawma ta' tlettax-il sena li matulha kellha tgħix b'mod mirakuluż bl-Ewkaristija biss.

Is-sawma sħiħa ta' Alessandrina kkonfermawha t-tobba fl-isptar. Tabib qal f'rapport uffiċjali li, "*Hija ħaġa assolutament ċerta li waqt 40 ġurnata f'qiegħ ta' sodda fl-isptar, il-marida la kielet u lanqas xorbot...u aħna nemmnu li dan il-fenomenu seta' wkoll seħħ fix-xhur li għaddew, forsi matul dawn l-aħħar tlettax-il xahar...u ma nistgħux nifhmu kif dan seta' jiġri.*"

Filwaqt li dan il-fenomenu ħadd aktar ma seta' jispjegah, Alessandrina kienet taf minn fejn kien ġej, bħalma l-Mulej Ġesù kien qalilha: "***Inti qiegħda tgħix bl-Ewkaristija biss għax jiena rrid nagħti prova tal-qawwa tal-Ewkaristija u tal-qawwa tal-ħajja tiegħi fl-erwieħ.***"

Wara snin ta' tbatija kbira fit-13 ta' Ottubru 1955, wara li kellha dehra tal-Qalb bla tebgħa ta' Marija, li qaltilha li hi kienet se teħodha l-ġenna, Alessandrina tqarbnet għall-aħħar darba, u wasslet l-aħħar messaġġ imqanqal tagħha lill- umanità kollha, u qalet. "*Tidinbux, il-pjaċiri ta' din il-ħajja ma jiswew xejn. Tqarbnu. Għidu r-Rużarju kuljum. Dan jiġbor fih kollox.*'

Hija mietet fit-8.29 ta' fil-għaxija.

Mudell ta' safa u perseveranza fil-fidi, speċjalment għaż-żgħażagħ; adoratriċi mħeġġa ta' Ġesù fis-Sagrament imqaddes; ispirazzjoni u għinuna għal dawk li qegħdin ibatu b'xi mod; messaġġiera fidila ta' Fatima. Kienet Kooperatriċi Salesjana. Il-Beata Alessandrina hija dawn l-affarijiet kollha, u ħafna iżjed. Ħafna nies diġà bbenefikaw mill-grazzji li kisbu permezz tat-tbatijiet u t-talb tagħha, u bla ebda dubju ħafna aktar għad jibbenefikaw fil-futur. Inħeġġukom titolbu biex hija ma ddumx ma tiġi kkanonizzata.



## TALBA

**O Trinità Qaddisa, jiena nadurak u nirringrazzjak għaliex tajtna l-eżempju tal-Beata Alessandrina, xrara l-iżjed safja ta' mħabbtek.**

**Nitolbok tgħinni nimitaha fl-imħabba tħeġġeġ tagħha għall-Ewkaristija, fl-imħabba devota ta' bint lejn Ommha Marija, fl-ispirtu tagħha ta' talb profond, fit-telqa għamja tagħha għar-rieda tiegħek. B'hekk inkun nista' nkattar fija x-xenqa qawwija li ningħata f'idejk u għal ħuti.**

**O Trinità Qaddisa, nitolbok li bl-interċessjoni qawwija tal-Beata Alessandrina naqla' l-grazzji li b'qalb ħerqana tant nixtieq (semmi l-grazzji li għandek bżonn).**

***Missierna, Sliema u Glorja.***
***Beata Alessandrina, ħarisna u itlob għalina.***

# Il-Beatu Ġwanni Pawlu II

**J.Cini sdb**

**Nhar is-Sibt 22 ta' Ottubru, u kull 22 ta' dax-xahar, minn dis-sena 'l quddiem, l-Insara jkunu jistgħu jiċċelebraw il-festa tal-Beatu Ġwanni Pawlu II. J'Alla ma ndumux ma nkunu nistgħu insejħulu qaddis : San Ġwanni Pawlu II !**

**Baħar ta' nies** ħonoq *Piazza San Pietro* f'Ruma u miljuni ta' nies oħra segwew fuq it-TV tlett dati storici fil-ħajja tal-Papa Ġwanni Pawlu II. Dawn kienu il-jum ta' mewtu nhar it-2 ta' April 2005, il-jum tal-funeral tiegħu ftit jiem wara u nhar il-Ħadd 1 ta' Mejju 2011 fl-okkażjoni tal-beatifikazzjoni ta' dan il-maħbub Papa. Ħafna minnkom li qegħdin taqraw dan l-artiklu tiftakruhom sew dawn it-tlett okkażjonijiet. Iżda forsi li tiftakru l-iżjed hija dik l-aktar riċenti tal-1 ta' Mejju, meta Benedittu XVI iddikjara lil Ġwanni Pawlu II, beatu.

Kien l-istess Papa Benedittu li nhar it-28 ta' April 2005, meta huwa ġie elett Papa ftit ġranet wara l-mewt ta' Ġwanni Pawlu, li ta bidu għall-proċess ta' beatifikazzjoni tal-Papa ta' qablu.

**Eluf ta' nies jiftakru** lil dan il-persunaġġ għaliex kienu rawh ħaj, jew meta żaru Ruma u l-Vatikan huma stess jew meta Ġwanni Pawlu II kien ġie hu stess f'pajjiżhom. Dan il-Papa, infatti, kien għadda ħafna jiem barra mill-Vatikan sabiex seta' jżur knejjes, santwarji, komunitajiet insara u pajjiżi fl-Italja u madwar id-dinja. Infatti l-istatistiċi juruna li dan il-Papa wettaq 146 vjaġġ fl-Italja u 104 barra f'pajjiżi oħra, kollha bi skop li jxandar lil Kristu. Hekk huwa żar 259 lokalità fl-Italja u 131 f'pajjiżi oħra. Dan juri li huwa għadda 822 jum barra mill-Vatikan, u dan barra l-jiem tas-sajf li kien jgħaddi f'Castel Gandolfo u, wara l-attentat fuq ħajtu nhar it-13 ta' Mejju 1981, 164 jum ieħor fl-isptar 'Gemelli' għal-diversi drabi.

**Karatteristika mill-isbaħ** ta' dan il-Papa kienet l-imġiba tiegħu maż-żgħażagħ li tant kien iħobb. Permezz ta' din l-attitudni huwa neħħielhom l-idea li l-Knisja kienet saret xi ħaġa għax-xjuħ u antikwata. Il-gost tiegħu kien li jkun fosthom, jiddjaloga magħhom u jimlihom b-entużjażmu lejn Kristu u Ommna Marija. Kienet tiegħu l-idea li jwaqqaf **'Il-**

**Ġurnata Mondjali taż-Żgħażagħ**'.

L-ewwel darba li din seħħet kien Ħadd il-Palm, il-31 ta' Marzu 1985 u li għalija attendew madwar 350,000 żgħażagħ. Minn dak inhar din baqgħet issir u dejjem tikber. Ħafna minn dawn iż-żgħażagħ kienu preżenti fi Pjazza San Pietru kemm waqt l-agunija tiegħu, għall-funeral tiegħu, imbagħad għall-beatifikazzjoni tiegħu.

Għal-ħafna u ħafna nies dan il-Papa huwa qaddis diġà. Fl-istess jum tal-funeral tiegħu, dehru kartelluni bil-kliem ‹**Santo Subito**›: **irriduh qaddis issa!** Iva, qaddis ma' ħafna qaddisin u beati li huwa stess kien tella' fuq l-altari. Infatti, sabiex jista' joffri mudelli ta' qdusija minn kull tip ta' nies, matul ir-renju tiegħu ta' Papa, huwa ddikkjara 483 qaddis u qaddisa u bbeatifika 1345 ruħ oħra. Hekk huwa wera li hu possibli li n-nisrani jgħix ħajja tajba u jilħaq il-qdusija, fi kwalunkwe pożizzjoni tal-ħajja huwa jinsab.

**X'tagħlim ħallielna** dan il-Papa? X'kienu l-messaġġi tiegħu? Liema kliem minn tiegħu ser nibqgħu niftakru? Ċertament id-dinja kattolika kollha għad għandha jidwu f'widnejha l-kliem li beda l-pontifikat tiegħu bihom u li huwa baqa' dejjem ifakkar : **La tibżgħux. Iftħu beraħ il-bibien lil Kristu !** Dawn il-kliem, nistgħu ngħidu li kienu l-programm tal-missjoni tiegħu bħala Papa. Imma mbagħad, sabiex tgħinu u twettqu f'din il-missjoni, u sabiex tagħtih kuraġġ jgħid il-verità kull fejn hu mar iżur, afda ruħu f'idejn Marija Santissma permezz tal-motto li huwa kien għażel : **Totus tuus : jiena kollni kemm jien tiegħek, o Marija !**

B'dawn iż-żewġ stendardi jmexxuh u jħarsuh, huwa kellem ħafna drabi lil diversi kategoriji ta' nies, xandar is-sewwa tal-Vanġelu b'ilsna ta' ħafna ġnus u f'okkażjonijiet ta' kull kwalità. Kellem lill-isqfijiet u s-saċerdoti, lill-gvernanti u nies ta' awtorità, u lin-nies tax-xogħol u tad-dar, liż-żgħażagħ u tfal.

U lilna wkoll, permezz ta' dawn il-kliem profetiċi tiegħu, qiegħed jgħidilna sabiex ma nibżgħux inħallu lil Kristu jidħol f'ħajjitna, fi djarna, fil-familja tagħna, imqawwijin mill-protezzjoni ta' Ommna Marija.





# Something to think about...

# Do Good...

**Confucianism**
Do not do to others what you would not like done to yourself. Then there will be no resentment against you, either in the family or in the state. (Analects)

**Buddhism**
Hurt not others in ways that you yourself would find hurtful. (Udana-Varga)

**Christianity**
All things whatsoever you would that men should do to you, do you so to them; for this is the Law and the Prophets. (Gospel of Matthew)

**Hinduism**
This is the sum of duty; do naught onto others what you would not have them do unto you. (Mahabharata)

**Islam**
No one of you is a believer until he desires for his brother that which he desires for himself. (Sunnah)

**Judaism**
What is hateful to you, do not do to your fellowman. This is the entire Law; all the rest is commentary. (Talmud)

**Taoism**
Regard your neighbour's gain as your gain, and your neighbour's loss as your own loss. (Tai Shang Kan Yin P'ien)

**Zoroastrianism**
That nature alone is good which refrains from doing to another whatsoever is not good for itself. (Dadisten-I-dinik)

# Malta Salesjana





**AUGURI LIS-SAĊERDOTI ĠODDA.**

Nhar il-Ħadd 3 ta' Lulju kien jum li ċertament jibqa' mfakkar fid-Delegazzjoni Salesjana Maltija bħala jum ieħor ta' ferħ kbir. Alla l-Imbierek żejjinna b'żewġ ministri tiegħu ġodda fis-Saċerdoti Gerald Mangion u Jeremy Vella. Huma ġew ordnati fil-Konkatidral ta' San Ġwann fil-Belt Valletta mill-Arċisqof tagħna Mons. Pawlu Cremona OP. Il-Familja Salesjana kollha tifraħ b'dan id-don li Alla għoġbu jagħtina u minn qalbna lit-tnejn nixtiqulhom ħajja ta' qdusija, perseveranza u servizz. AD MULTOS ANNOS ET AD MULTAS CORONAS.

**PARTITA FUTBOL EĊĊEZJONALI**

Kien il-Ħadd, 5 ta' Ġunju li għadda meta ntlagħbet dil-partita fil-bitħa tal-Oratorju tas-Salesjani f'Tas-Sliema. Din kienet it-tielet darba li din il-partita ġiet organizzata għall-'Old Boys' tas-sena 1993. Ma' kull logħba li tintlagħab in-numru ta' dawn l-'Old Boys' jiżdied bi rġiel oħra li jsibu li kienu jiġu s-Salesjani f'dawk is-snin. Saħansitra ħa sehem Mr. Charles Saliba li kien hawn Malta mill-Ingilterra! Nittamaw li ma ndumux ma naraw il-grupp kollu ta' dik is-sena. Jekk inti wieħed minnhom u taf lil xi ħadd li kien hemm f'dik is-sena, infurmah!





**SPYS: BEJGĦ TA' KEJKIJIET**

Is-Salesian Youth Pastoral Service (SPYS) if-forma grupp żgħir minnu stess, u dawn iż-żgħażagħ, matul ix-xahar ta' Lulju, organizzaw is-'Summer Camp' ta' ġimgħatejn fid-Dar Salesjana tal-Isla (Youths Engage in Senglea = YES). Sabiex itellgħu fondi għal dan il-'Camp' huma kellhom bejgħ ta' kejkijiet fis-sala ta' quddiem il-knisja ġewwa St. Patrick, Sliema. Kien hemm minn kull kwalità ta' kejkijiet li ħmew l-istess żgħażagħ sabiex ibigħuhom. Il-bejgħ kien suċċess u l-flus li nġabru fiż-żgur jgħinu mhux ftit sabiex is-'Summer Camp' ukoll kien suċċess kbir.




## KTIEB MILL-ISBAĦ

Nhar il-Festa ta' San Ġorġ ġewwa Victoria, Għawdex, fit-tielet Ħadd ta' Lulju, ġie ippublikat il-ktieb sabiħ "St. George - Gozo's Golden Basilica". Kienet il-ħolma ta' Fr Charles Cini SDB li jipproduċi ktieb ta' din ix-xorta. Għalhekk, malli l-Arċipriet ta' San Ġorġ aċċetta din l-idea, huwa beda mill-ewwel ix-xogħol fuq dal-ktieb. Il-fotografu Għawdxi Daniel Cilia, magħżul sabiex jieħu ħsieb il-fotografija, dam tnax il-xahar isegwi l-attivitajiet u ċerimonji tal-Parroċċa. Dan il-ktieb juri biċ-ċar il-ġid u l-kobor li jista' jinkiseb, anke ġewwa Parroċċa żgħira fi gżira żgħira, meta l-parruċċani jiddedikaw ruħhom. Il-ktieb, b'qoxra iebsa, b'xi 320 ritratt bil-kulur u stampat l-Italja qiegħed jimbiegħ għal €50 mill-Bażilka ta' San Ġorġ.

## ATLETA EĊĊEZJONALI

Iż-żagħżugħ ta' 14-il sena Kurt Dalli, student ta' Savio College, għalaq staġun tal-atletika eċċezjonali fejn huwa rebaħ it-tiġrijiet kollha middle distance ta' dan l-istaġun: 18-il waħda! Dawn it-tiġrijiet ikunu ta' bejn 800 metru u 3 kilometri tul. L-istaġun beda f'Ottubru 2010 b'dik imsejħa Endurance League ta' kważi 3 km. Kurt rebaħ il-5 tiġrijiet bħal li kieku xejn! F'Diċembru saru l-Inter School Cross Country Championships (Marsa) u kontra 61 atleta ieħor, Kurt reġa' rebaħ. Wara dan bdew it-tiġrijiet fuq it-track u Kurt, bejn Diċembru u Mejju rebaħ 11 il-tiġrija ta' distanzi varji. F'ġimgħa waħda, f'Mejju li għadda, rebaħ 5 midalji tad-deheb! Nifirħu mill-qalb lil dan l-atleta żagħżugħ u lil min jorganizza l-atletika f'Savio College, Fr Francis Clifton SDB.





# Saint Mary Mazzarello

4

**This is the story of a "woman with a backbone," as Pope Pius XI called her. The story of a soul who passed through a life of hunger, toil and contradiction. The story of a leader, a foundress, a saint.**

## MOTHER'S HUMILITY

Mother Mazzarello was not one to put on airs. No, her humility was real. Studiously she attended class with the other Sisters and learned how to read and write. This was no small task for a woman of thirty-five and she made silly blunders, but she would laugh them off with the other Sisters and persistently try again. Her lifelong friend, Sister Petronilla, one day asked her, "Mother, don't you think our community is becoming too important? Look at all the intelligent young ladies who are entering!"

"Hush," whispered Mother Mazzarello. "Not so loud! You and I are just plain oxen. Let's be thankful that they don't throw us out!"

In 1936, Pope Pius XI proclaiming the heroic nature of Mother Mazzarello's virtues aptly summarized her remarkable life thus: "Here is a woman of simplicity, extreme simplicity - a simplicity as pure as that of the simple elements, as simple and unmixed as gold without alloy."

## EVENING STAR

Mother Mazzarello, leaning heavily on the arms of two Sisters, stumbled into the convent of the Daughters of Mary Help of Christians at Nice-on-the-Sea. Smiling to all the good nuns, she tried to brush away their fears with gentle reassurances, but her face was taut with pain and haggard with long days of illness. Her companions rushed her to a room and set her into an armchair.

"Thank you," she said gratefully, attempting a light laugh and failing miserably. "I'm feeling so much better already. Now, Sisters, why those tears? Is that the way to greet your Mother after such a long absence? You must not grieve so. I feel my strength returning already. Now go about your work again, and let me rest a moment." The Sisters reluctantly obeyed, leaving her with an attendant.

In the hall, the companions of Mother Mazzarello were the focus of all attention. How was the Mother? Was she improving any? She looked so poorly! The information was far from pleasant.

Mother Mazzarello had left Mornese some two months before to accompany a group of Sisters who were to go to the Missions of South America. From Genoa she decided to take a ship with a

part of the Missionary contingent, to stop off at Marseilles, and from there to visit the houses of the Sisters in France. Throughout the journey, she suffered from persistent seasickness, but, true to her native stubbornness, she hid her pain behind a smile and a thousand little attentions on her companions. At Marseilles, their ship broke down in sight of the harbour and had to be towed into drydock for repairs.

Late at night the little group of tired Sisters ventured into the unlit waterfront streets of Marseilles in search of an address where they had been told lodgings had been prepared for them. But due to a careless blunder, no beds had been made up for the nuns. Noticing her host's utter confusion Mother Mazzarello speedily assured him they could care for themselves.

'We have clean bedclothes with us. If you can give us some straw, we will shift for ourselves quite easily."

And so plying her needle, Mother Mazzarello set the example by sewing up an armful of straw in a sheet, setting the bed on the floor, and lying fully clothed upon it. Her companions good-naturedly imitated her. The next morning, Mother Mazzarello was unable to rise. A high fever kept her on her straw pallet. Her Sisters clustered about her. But the next morning she staggered to her feet and escorted the Missionaries to their ship, bidding them a tender farewell. Once she arrived at St.Cyr, she was put to bed. But the unrelenting fever developed into pleurisy, followed by complications of the respiratory organs.

For forty days the saintly Mother was confined to her bed, running high temperatures, spending interminable hours in burning heat and acute pain. Yet, throughout it all, she always remained the centre of joy in the house, chatting amiably with the Sisters, and endeavouring to make herself as little bother as possible, never realizing that the Sisters treasured every moment they could shower their solicitude on her.

As soon as she felt her strength returning, she decided to return to Italy, so as to die, she said, in her own community. The Sisters had been reassured by Don Bosco, who had been to see her, that she would not suffer by it. Mother had decided to make the journey in short stages. With two companions she would remain at Nice-on-the Sea for a few days and then proceed to cross the Italian border.

While the Sisters outside hustled about their task, their frail patient remained in her room, trying to recover her strength. By good fortune, Don Bosco had just arrived a few hours before her. Knowing of her presence, he went to call on her. In that little room the two Saints faced each other for the last time. St. John Bosco, sixty years old, looking tired and a little stooped at the shoulders, smiled upon the drawn features of this forty-two-year-old woman who had been God's chosen instrument to fulfill a great part of his apostolate for youth. Their names, he knew, would forever be linked together.

"Father," asked Mother Mazzarello, "will I ever recover?"

After a moment's pause, the priest ran his fingers through his bushy hair.

"Mother," he said diplomatically, "I want to tell you a story. Once Death decided to pay a call to a convent, 'Come with me Sister,' he said to the portress as she opened the door. 'Oh, but I cannot,' the Sister responded. 'There is no one to take my place, and the convent must have a portress.' Death crossed the threshold and stalked through the convent halls. His order was the same for everyone he met: 'Come with me!' The response was invariably 'I cannot! I have so much work to do!' Finally Death knocked at the door of the Superior's room. 'Come with me,' he announced. 'I cannot!' was the startled reply. But Death would take no excuse. 'If no one else will come, you must!' he ordered, and taking her by the hand, he took her through the convent halls into the dark night."

*(to continue...)*

# The yellow kite

**By Beverly Newman, Santa Rosa, California**

My son was my one reason for not giving up on life - and his small prayer changed it.

I stood at the window and watched the neighbourhood children flying their kites on the hill behind our house. Next to me, my four-year-old son, Michael, pressed his face against the glass. Ever since he had first seen them on the hill, he had been asking if he could have a kite like the other children, and I always gave him the same answer: "Wait until you are a little older."

Michael hid his face in my skirt, something he always did when he was going to cry.

I felt like crying myself. I had lost three children through miscarriages, and the complications that followed caused me to be constantly under a doctor's care.

Because of my health I simply didn't have the strength or energy to fly a kite with Michael. My husband worked long, irregular hours, and even so we kept going deeper in debt. As a result, a tension had grown between us. It all looked so hopeless; God seemed to have forgotten us.

Michael was the one spark of life left for me. As I tucked him into bed that evening, he said, "Mommy, may I pray to God to send me a yellow kite? Maybe he doesn't think I'm too young."

"Yes," I said. "We will leave it up to him." Maybe that would make Michael stop talking about it. He fell asleep with a smile on his face.

The next morning I raised the shade in the kitchen, and stared at the sight that met my eyes: - a string hanging down in front of the window. I ran out the back door and into the yard. Caught on the roof, with its string hanging down, was a kite. A yellow one!

Michael clapped his hands and jumped up and down. "Mommy, I knew God would answer my prayer!"

I didn't believe! I realized I had lost my faith. Maybe that was why I had been so depressed.

We asked all over the neighbourhood but we never found the kite's former owner. In the years that followed we moved several times, but at each new place I would hang the kite in some corner where I could see it.

My depression lifted, and as my health improved, so did my relationship with my husband. All I needed was a reminder that no matter how bad things may seem, God hears our prayers. Big or small.



# Salesjani fl-Afrika
# Ulied il-Fqar ta' Addis Abeba

Fix-xahar ta' Ġunju, megħjuna mill-Unjoni Afrikana, il-pajjiżi ta' dan il-kontinent iċċelebraw 'Jum it-Tfal Afrikani'. Is-Salesjani, li ilhom aktar minn 100 sena f'dan il-kontinent, kienu bdew u għadhom imexxu diversi proġetti b'risq iż-żgħar u ż-żgħażagħ l-aktar batuti fost il-popolazzjoni. Din l-esperjenza qiegħda tiġi mwettqa anke f'Addis Abeba.

Is-Salesjani ilhom jaħdmu fl-Etiopja sa mill-1975 u dejjem ippreferew lit-tfal u dawk iż-żgħażagħ l-aktar imweġġa' mis-soċjetà. L-opri Salesjani aktarx li jipprovdu edukazzjoni primarja u sekondarja; imma huma nvoluti wkoll fi proġetti għall-iżvilupp sħiħ tal-persuna bħalma huma l-ilma għax-xorb, provvisti tal-ikel, mediċina preventiva, għajnuna b'urġenza u biedja.

Fil-kapitali tal-pajjiz, Addis Abeba, sa mill-1998, il-Brother Salesjan Donato Galletta, organizza proġett hekk imsejjaħ: *Donato's Children of the Beggars*. Dan il-proġett jirċievi għajnuna finanzjarja mill-Uffiċju Missjunarju Salesjan fi New Rochelle, New York, USA, minn Aġenzija Umanitarja Amerikana, il-*United States Agency for International Development* (USAID) kif ukoll permezz tal-programm internazzjonali *CARING Orphans and Vulnerable Children.*

Dan il-proġett ta' Bro. Donato imsejjaħ *Donato's Children of the Beggars* ma hemmx ieħor bħalu u huwa wkoll mudel għal kull min jaħdem fir-rijabilitazzjoni tat-tfal fil-periklu fit-toroq tal-belt. Fl-ewwel post jiġu dawk li jgħixu mal-ġenituri tagħhom imma jgħaddu l-ġurnata jittalbu fit-triqat. Dawn it-tfal veru jgħixu f'kundizzjonijiet mill-agħar u l-ġenituri tagħhom, jew dawk li jieħdu ħsiebhom, ma jistgħux jibagħtuhom l-iskola u lanqas jitimgħuhom kuljum. Is-*Social Workers* li jaħdmu ma' Bro. Donato imorru fil-belt u personalment ikellmu lill-ġenituri jew min jieħu ħsieb dawn it-tfal tallaba. Huma jikkonvinċuhom jibagħtu lit-tfal fid-*Don Bosco Youth Centre* ta' Makanissa, ħdejn Addis Abeba. Meta t-tfal jibdew imorru hemm, huma jiġu mitmugħa u mogħtija xi ikel għal matul il-jum. Imbagħad jiġu mħajra jibdew l-iskola jew ifittxu għajnuna f'dak li hu meħtieġ biex isolvu xi ftit il-problemi tagħhom.

Fil-preżent hemm 513-il tifel u tifla miktuba fil-'Programm ta' Bro. Donato għat-Tfal tat-Tallaba' li qegħdin jiġu mħarrġa sabiex ikunu jistgħu jibdew l-iskola regolari. Dan il-programm jipprovdi wkoll għall-bżonnijiet ta' dawk il-fuq minn 15-il sena sabiex jitgħallmu sengħa u jibdew xogħol onest fejn jistgħu jaqilgħu paga xierqa. Waqt li jużaw is-sistema edukattiv ta' Dun Bosco, s-Salesjani jgħallmu lit-tfal kif jiffaċċjaw il-ħajja u jrabbu fihom valuri umani waqt li qegħdin jikbru.



# Marija maġenbi

## *Kif il-Madonna tgħinni fit-taqbida tal-ħajja tiegħi ta' kuljum*

*Kollox jibda meta jkollna dik is-sensazzjoni li nirrealizzaw li għamilna xi ħaġa li ma kellniex nagħmluha u mbagħad jkollna niffaċċjaw il-konsegwenzi. Bħalma tħossok meta jwaqqfek pulizija jew meta f'daqqa waħda tirrealizza li soqt meta d-dawl kien aħmar u 'speed camera' li ma kenitx hemm qabel għadha kif ħaditlek ritratt u qabditek fil-fatt.*

Dak li ġrali għodwa waħda meta ndunajt li ma kellix fuqi l-ID għall-Pentagon. Kienet fil-kartiera, li kont ħallejt warajja d-dar. Bdejt naħseb bejni u bejn ruħi "Hekk mhux sewwa. Sejjer inqaddes fost il-ġimgħa għall-irġiel u n-nisa tal-militar tal-Amerika, u m'għandix fuqi l-unika ħaġa li għandi bżonn biex nidħol fil-bini tal-uffiċċini militari - il-karta tal-identità. Għax ukoll jekk tkun liebes ta' saċerdot, jekk min ikun għassa jkollu arma ppuntata lejk, ma tantx għandek ċans tparla u tinnegozja. Hekk kont qed naħseb filwaqt li sibt ruħi ser ninżel minn karozza tal-linja biex nirkeb oħra. X'ser nagħmel?

### Indur lejn Marija fil-bżonn tiegħi

Għal mument ġieni l-ħsieb li ndur lura lejn id-dar. "Le, għallinqas nista' nipprova," ħsibt bejni u bejn ruħi. "Jekk tal-għassa ma jdaħħlunix, al-menu jistgħu jikkuntattjaw l-uffiċċju tal-kappillan. Imbagħad inkun nista' nispjega l-problema u ngħarrafhom li għal-lum ma jkunx possibbli nqaddes."

Imbagħad ġietni l-ispirazzjoni. Jiena sejjer hemm sabiex noffri s-sagrifiċċju tal-Quddiesa u ikel spiritwali lill-poplu ta' Alla. Ċertament dan ifisser xi ħaġa. Fil-pront ħsibt fil-Madonna u kont ċert li, jekk kienet ir-rieda t'Alla li l-Quddiesa tiġi ċċelebrata, hija setgħet issib il-mezz biex iddaħħalni hemm ġewwa.

Bħala iben tajjeb ta' Marija Immakulata, jiena mbagħad bdejt mill-ewwel nitlob il-'Memorare' waħda wara l-oħra - talba qawwija lill-Madonna, li tispiċċa hekk: O Omm tal-Verb Inkarnat, twarrabx it-talb tiegħi, imma fil-ħniena tiegħek, ismagħni u weġibni."

Imtlejt bit-tama. Irkibt it-tieni karozza tal-linja mimli bil-paċi, issa li kont intlaqt għar-rieda ta' Alla; kont mimli fiduċja fil-qawwa tal-interċessjoni tal-Verġni Marija.

X'ħin wasalt fl-istazzjon tal-għassa dħalt fil-bini tas-sigurtà, li hu żgħir u maqtugħ għalih. Hemmhekk spjegajt is-sitwazzjoni tiegħi lil tal-għassa. Ma mpressjonajtux! Imbagħad tkellem sieħbu u staqsieni jekk ismi kienx irreġistrat fuq xi lista. Jiena għedtlu "iva." Saret telefonata. Tajt in-numru tiegħi tas-Sigurtà Soċjali u , f'ħakka t'għajn sibt ruħi dieħel fil-Kwartieri biex noffri l-Quddiesa. Ikun imfaħħar Alla, 'Grazzi, Omm tiegħi'.

### Marija qrib tiegħi

Dan li ġara hawnhekk tani l-opportunità sabiex

nieqaf u naħseb fuq kemm il-Madonna hija qrib tiegħi fil-ħajja ta' kuljum. Ċertament, li wieħed jinsa l-kartiera warajh, jaqla' ċitazzjoni, jew jitlef xi ħaġa, ma tistax issejħilha kriżi. Imma meta jkollna problemi bħal dawn jinkwetawna, u l-Madonna tkun taf x'inhu jiġri. Hija tkun tixtieq tgħinna għax hija tħobbna u ġenwinament jimpurtaha middettalji ta' ħajjitna. Aħsbu ftit kif hi indunat meta l-għarajjes tat-tieġ ta' Kana naqashom l-inbid. (Ġw. 2: 1-11)



Dan l-aħħar ġieni f'moħħi wkoll li Marija hi daqshekk attenta għall-bżonnijiet tagħna mhux biss għax hija tħobbna bħala ommna imma għax hija qasmet magħna t-taqbida tal-ħajja tagħna ta' kuljum bħala bnedmin. Niftakru kif hi tilfet lil Ġesù meta kellu tnax-il sena meta kienu sejrin lura Nażaret u kellha tmur lura Ġerusalemm sabiex issibu. Faċli għalina li ninsew li qabel ma ġiet imtellgħa s-sema u saret Reġina, hi kienet tgħix b'saqajha mal-art. Aħsbu fuq x'uħud mill-affarijiet l-oħrajn li l-iskrittura tgħidilna li kellha tiffaċċja: bidla fil-pjanijiet tal-vokazzjoni tagħha, it-theddida tad-divorzju, li tmur tgħix f'pajjiż ieħor, u ma kellhiex flus biżżejjed.

Għaliex Ommna tas-Sema tant kellha saqajha fl-art fl-umanità tagħha, hija setgħet tara ċar il-qawwa ta' kif jaħdem Alla. Għalhekk ma kenitx qiegħda tiċċajta meta ruħha faħħret il-kobor tal-Mulej (Lq. 1: 46-55). Hija fehmet il-limitazzjoni tal-umanità tagħha kif ukoll is-setgħa ta' Alla li għamel fiha ħwejjeġ kbar. B'hekk hija setgħet kontinwament toffri l-'iva' tagħha b'fiduċja sħiħa.

## Il-Madonna tinterċedi għalina

Is-solennità tat-Tlugħ fis-sema ta' Marija fil-15 t'Awwissu tgħinna nirriflettu fuq il-ħajja ta' Marija f'din l-art. F'dan il-misteru, aħna qegħdin mhux biss niffokaw fuq kif hi ġiet imtellgħa fis-sema bir-ruħ u bil-ġisem, imma qegħdin nirriflettu wkoll il-ħajja tagħha bla ebda dnub u mimlija virtù, li għamlitha possibli għaliha li hi tirċievi privileġġ glorjuż bħal dan.

Kienet l-umanità tagħha mimlija bil-grazzja li ġiet imtellgħa fis-sema minħabba dik l'iva' kontinwa li hi tat lil Alla fiċ-ċirkostanzi kollha ta' ħajjitha.

Hija wieġbet permezz ta' dik il-virtù erojka li ppermettitilha tkun mhux biss l-omm ta' Ġesù imma wkoll id-dixxiplu perfett tiegħu. Għalhekk hi qiegħda tinterċiedi għalina fis-sema fl-umanità gglorifikata tagħha.

U hekk jiena nerġa' ndur lura għal dettall sinifikanti fl-istorja li bdejt biha: l-għassa fil-bini tas-sigurtà li għenitni kienet mara. Jiena dan ħadtu bħala sinjal li r-Reġina tas-Sema kienet se taħdem permezz ta' mara oħra biex tgħin fil-bżonn tiegħi.

Iva, Ommna tas-Sema tafha sewwa l-umanità tagħna. L-ewwel darba li ssib ruħek f'xi bżonn dur lejha.

# IL-LEJL IT-TAJJEB... IMMA MHUX DEJJEM!

Għall-aħħar tax-xahar ta' Ottubru, niċċelebraw Jum il-Missjoni u niftakru ħafna fil-missjunarji. Dawn iż-żewġ stejjer ta' missjunarju jkellmuna fuq it-tbatija li minnha jgħaddu u jfakkruna nitolbu għalihom.

**RIEDUNI NORQOD B'SAQAJJA 'L BARRA**

Darba minnhom, kont f'raħal 'il bogħod, fejn in-nies jaħdmu l-qasab tal-bambu'. Filgħaxija, wara li kilt ma' dawk il-ħbieb, inġbarna lkoll



fil-kappella tal-qasab għar-rużarju. Imbagħad, għajjenin wara ġurnata xogħol, kulħadd ta lil xulxin il-lejl it-tajjeb u dabbru rashom biex jorqdu. Lili qaluli biex nibqa' fil-kappella għax kienu lestewli speċi ta' friex imdendel bil-ħbula li jagħmlu huma stess. Imma hekk kif rajtu, dak il- friex kien żgħir wisq għalija għax ma kienx it-tul tiegħi. Qaluli biex norqod fuqu mkebbeb...inkella dritt b'saqajja 'l barra. Kellhom skop f'moħħhom, għax in-nies t'hawnhekk huma superstizzjużi ħafna. Il-friex jagħmluh qasir apposta għax jemmnu li jekk inti torqod komdu tkun qed tistieden il-mewt malajr, li ddaħħlek kollok minn rasek sa saqajk ġol-kaxxa! Mela allura jaqbillek torqod b'saqajk 'l barra jekk trid tibqa' tgħix għal ħafna snin aktar!

Madankollu lili xejn ma għoġbitni dik l-idea. Dakinhar jien kont ili nimxi minn sbieħ il-jum u issa ħassejtni għajjien mejjet. Kelli bżonn nistrieħ sewwa u mhux ngħaddi l-lejl nitqalleb, niċċaqlaq u b'saqajja mikxufa kesħin silġ.

Bdejt niftakar ukoll illi dawk in-nies xejn ma kienu jħobbu l-indafa. Is-'sodod' tagħhom tal-qasab malli jisħnu joħorġu minnhom id-dud u l-insetti. M'hawnx għalija kemm kont se ngħaddi lejl tajjeb!...

Bil-ħlewwa kollha irringrazzjajthom u wrejthom li ma xtaqtx norqod fuq dak



il-friex jitbandal. Għalija kien biżżejjed jekk iġibuli ħasira ħa nifrixha mal-art u xi ħaġ'oħra biex nitgħatta biha. Iżda huma dritt berrqu għajnejhom f'wiċċi u qaluli: "Ara ma jfettillekx torqod mal-art Fadar!...Minn bejn il-qasab immermer, mal-lejl jidħlu ż-żrinġijiet u warajhom is-sriep biex jaqbdu lil dawn... Tissograx...għax jigdmek xi serp u filgħodu nsibuk iebes!...Ngħidilkom is-sewwa, kexkxuni. "Kollox sew," għedtilhom. "Mela mn'Alla qed tgħiduli."

Imbagħad xħin telqu u ħallewni waħdi, kontra qalbi ppruvajt dik is-'sodda' imma kif stajt noqgħod? Dik għat-tfal tajba. Ħassejtni skomdu għall-aħħar. Bdejt inħoss qriż u tingiż ma' ġismi kollu. Anki rasi bdiet tikolni. Bilfors kelli nqum minn hemm u nintefa' xi mkien ieħor.

Naturalment, il-ħsieb tal-periklu li avżawni bih ma ħalliniex nagħlaq għajnejja. U qgħadt naħseb f'kemm postijiet oħra qabel kont għaddejt iljieli mqajjem.

## BIL-PJANĊI TAŻ-ŻINGU JTIRU FUQ RASI

Darb'oħra wkoll, f'raħal ieħor għandna kappella-skola bis-saqaf taż-żingu. Din tidher aħjar mill-oħra. U jiena qtajtha li kelli ngħaddi l-lejl fiha. Imma billi dik il-lejla qam riefnu qawwi, il-katekista ħajjarni mmur norqod għandu mall-familja, u l-aktar għax qalli: "It-travi li jżommu l-pjanċi xejn m'għadhom b'saħħithom għax kollha msewsin." Imma jien minn qaddisi ma nħobbx indejjaq in-nies u peress li bsart li dak ukoll ma kienx aħjar minn sħabu fl-iġjene, ma xtaqtx inkun itturmentat mid-dud u l-insetti għal lejl sħiħ. Ipperswadejtu li r-riħ dalwaqt ibatti u hekk stajt norqod hemm ġew, taħt dak is-saqaf.

Wara xi nofs siegħa, ir-riefnu flok waqaf aktar żdied. Qamet maltempata mill-kbar nett, bir-riħ ivenven u jagħmel ħsejjes tal-biża'. Ried jaqla' kollox mill-qiegħ.

Qomt nagħmel xi puntali mal-bieba li kienet tħabbat. Stħajjiltni se ntir b'kollox. Il-pjanċi wkoll kienu jiċċaqalqu u jperpru u jħabbtu u jogħlew bħal folji ta' pitazz. Ir-ragħad, il-beraq u s-sajjetti kienu juru l-aħħar tad-dinja. Ġieni ħsieb indaħħal rasi taħt l-artal u mn'Alla...għax fil-ħin buffura kbira qalgħet pjanċa minn postha u din niżlet b'sabta kważi fuqi. Issa r-riħ fis-saqaf aktar beda juri snienu għax il-pjanċi bdew jinqalgħu u jtiru waħda wara l-oħra. Beda wkoll jilħaqni t-taqtir tax-xita. Issaqsunix kemm il-ġakulatorja għedt u kemm-il darba għamilt l-att tal-indiema. Imma fl-aħħar dak il-lejl twil għadda wkoll.

Tajjeb kultant niftakru minn x'hiex għaddejna fl-imgħoddi waqt li għadna qawwijin u sħaħ. Dan biex nirringrazzjaw lil ħanin Alla u niftakru li Hu dejjem magħna biex iħarisna mill-perikli, sakemm ikun għadu jrid jinqeda bina skond il-pjan tiegħu għalina.

minn Renè Sacco

# Dun Bosco fis-santi u kartolini

## id-Disa' parti

F'din id-disa' parti tas-sensiela tagħna ser naraw ftit santi, xi ftit antiki bħas-soltu, li barra l-ikonografija, fi kliem ieħor l-immaġni jew stampa, jinkludu ukoll xi ħaġa oħra li tissejjaħ relikwa. Il-kelma relikwa tfisser xi fdalijiet mill-ġisem proprju tal-qaddis, xi fdalijiet minn affarijiet li kienu jappartjenu jew użati mill-qaddis, jew affarijiet li ġew mimsusa ma' xi ħaġa minn dawn li għadna kif semmejna. Relikwi mill-ġisem proprju tal-qaddis, bħal ngħidu aħna għadam u xagħar, jissejħu relikwi tal-ewwel klassi; filwaqt li dawk ġejjin minn xi affarijiet li ġew f'kuntatt mall-qaddis, bħalma huma ilbies, għodda, kotba, għamara, eċċ., jirreferu għalihom bħala relikwi tat-tieni klassi. Dawk ir-relikwi, normalment biċċiet żgħar tad-drapp li ġew mimsusa ma' relikwi tal-ewwel jew tat-tieni klassi, jissejħu tat-tielet klassi u huma l-iżjed komuni. Fil-waqt li r-relikwi tal-ewwel u t-tieni klassi insibuhom fil-knejjes, katidrali, mużewijiet jew monasteri, dawk tat-tielet klassi jistgħu jkunu għand kulħadd. Kif nistgħu naraw tajjeb mis-santi li għandna ma' din il-kitba, metodu faċli kif dawn ir-relikwi jiġu mxerrda fost il-fidili huwa li jitwaħħlu mas-santi.

Mil-lat storiku, jista' jingħad li r-relikwi tal-martri, qaddisin, affarijiet u oġġetti marbuta ma' xi ġrajja b'aspett sagru jew reliġjuż, mill-bidu nett kienu jinżammu b'qima u għożża kbira, u dan mhux biss fir-reliġjon nisranija iżda anke f'reliġjonijiet oħra madwar id-dinja. Matul l-istorja mqallba tal-knisja, ir-relikwi mhux darba jew tnejn kienu l-qofol ta' kontroversja , u l-Knisja, fil-waqt li tapprova l-qima lejn ir-relikwi, twissi serjament kontra s-superstizzjoni. B'dan irridu nfissru li kull grazzja tiġi minn Alla; il-qaddisin huma l-qaddejja tiegħu u r-relikwi, għeżież kemm huma għeżież, ma għandhom ebda qawwa fiżika li jaqilgħu grazzji jew jagħmlu mirakli. Il-funzjoni tar-relikwi, bħal ħafna

***Appell:*** ***Nixtieq nieħu din l-opportunità biex nistieden lil min għandu xi santi ta' Dun Bosco li jista' jiddisponi minnhom biex jgħaddihomli ħalli titkompla tikber il-kollezzjoni. Il-kollezzjoni tinkludi ukoll lil S. Franġisk ta' Sales, S. Domenico Savio, Maria Awżiljatriċi, u l-erwieħ tajba kollha Salesjani. Niġbor ukoll domni, bolli, midalji u materjal ieħor b'konnessjoni ma' Dun Bosco jew is-Salesjani. Grazzi bil-quddiem.***



9.1



9.2



9.3

affarijiet viżivi oħra, hija li jġagħluna nħossu aktar il-viċinanza tal-qaddis jew qaddisa, u hekk inħossuna aktar qrib lejn Alla.

Fl-era bikrija tal-Kristjaneżmu u fiż-żminijiet tan-nofs, ir-relikwi tant kienu popolari li l-knejjes u katidrali kienu bħal f'pika min ikollu l-iżjed ħa jkun jista jattira aktar pellegrini u viżitaturi. Dan wassal għal sitwazzjoni fejn l-awtentiċità ta' xi uħud mir-relikwi bdiet tiġi fid-dubju u anke żviluppa ammont  konsiderevoli ta' xettiċiżmu. Fost l-aktar relikwi famużi u meqjuma nsibu affarijiet li għandhom x'jaqsmu mall-passjoni ta' Kristu bħall-imsiemer, biċċiet mis-salib, xewk, eċċ., kif ukoll ammont kbir ta' għadam ta' ħafna qaddisin u martri.

Ngħaddu issa biex naraw is-santi li għandna ma' din it-taqsima. Is-santi numru 9.1 sa 9.4, ġew stampati meta Dun Bosco kien għadu beatu u fuq wara tal-ewwel waħda (9.1) hemm appell biex min irid xi relikwi tal-beatu, jixtieq jirraporta xi grazzja jew jagħmel xi offerta għall-kawża tal-kanonizzazzjoni, għandu jagħmel dan billi jikteb lir-'Rettor Maggiore dei Salesiani – Torino (109) Via Cottolengo, 32 (Italia)'. It-tip ta' relikwi li hemm fuq is-santi bin-numru 9.1, 9.2, 9.5, u 9.6 huma msejħa 'EX INDUMENTIS' li tfisser illi n-nitfa drapp imwaħħla mas-santa kienet minn xi lbies tal-qaddis. B'differenza, ir-relikwi li hemm imwaħħla mas-santi 9.3 u 9.4 huma hekk imsejħa 'EX CAPSA'. Dan jindika li l-laqxa njam imwaħħla mas-santa




9.4




9.5




9.6

hija meħuda mit-tebut jew kaxxa li fija hemm il-fdalijiet ta' ġisem il-qaddis. F'dawn l-aħħar snin, pero' dehru santi u domni ta' diversi qaddisin fejn ir-relikwi ġo fihom kienu biss intmessu mal-ħwejjeġ jew tebut tal-qaddisin! Għaldaqstant, b'referenza għal dak li għedna iktar kmieni, is-santi bir-reliwki jitqiesu tat-tieni klassi; filwaqt li dawk moderni li biss intmessu mal-ħwejjeġ jew tebut tal-qaddis/a huma tat-tielet klassi.

Normalment dawn it-tip ta' relikwi jsiru billi tittaqqab toqba żgħira fis-santa, ħafna drabi bħala parti mid-disinn tal-immaġni (eż. Numru 9.1, 9.3 u 9.4); din tiġi mgħottija b'biċċa plastik, ir-relikwa titpoġġa taħtha u tiġi ssiġillata permezz ta' speċi ta' tikketta li tixhed il-verità u l-awtentiċità tagħha (ara numru 9.7). Iżda mhux dejjem hekk. Jekk inħarsu lejn is-santa numru 9.2, insibu li għalkemm fid-disinn tas-santa ġie inkluż spazju għar-relikwa, din twaħħlet fil-post mingħajr protezzjoni ta' xejn u bla ebda sinjal ta' verifika.

Nistieden lill-qarejja biex jixtarru u jaqraw fuq dan is-suġġett għax huwa interessanti ferm.



9.7

# SPYS: Żgħażagħ B'Inizzjattiva!

Matul is-sena, grupp ta' 14-il żagħżugħ/a qiegħed jiġi mħejji, fi ħdan is-Salesian Youth Pastoral Service (SPYS) sabiex imur iqatta' xi ġimgħat ta' xogħol missjunarju volontarju f'artijiet barra minn Malta: il-Kenja, il-Ghana u l-Indja. Dawn iż-żgħażagħ sejrin ikunu nvoluti f'sitt proġetti tal-edukazzjoni jew tas-saħħa.

Bi tħejjija għal dawn il-vjaġġi missjunarji, dawn il-voluntiera qegħdin jiġu mħarrġa permezz ta' xi esperjenzi fejn huma jridu jagħtu sehemhom u jidħlu għal xi biċċa xogħol. Allura, nhar is-Sibt 4 ta' Ġunju orġanizzaw car-wash fil-parkeġġ ta' 'Tigne Point' Shopping Centre. Fil-ħames sigħat li damu jaħdmu u jaħslu, lestew 75 karozza u għamlu s-somma ta' €650.00. Waħda mill-managers ta' 'The Point', Ms. Alison Gauċi żiedet tathom €120 bħala donazzjoni, liema flus żiedu l-entużjażmu tal-voluntiera. Ħajr ukoll imur lil Mr. Kevin Baker li għin ħafna sabiex jittella u jirnexxi dan il-proġett.

Fost dawk li ħadu l-karozza tagħhom għall-ħasil, kien hemm ukoll xi awtoritajiet lokali li b'hekk riedu juru l'appoġġ tagħhom għal din l-attività għall-karità li fija ż-żgħażagħ urew ħafna entużjażmu, ferħ, ġenerosità u koperazzjoni.

Wara din l-avventura li kienet suċċess kbir, nhar it-28 ta' Ġunju, proprju lejlet l-Imnarja, li SPYS organizzaw "SPYS Up Summer Music Fest". Dan il-kunċert sar fi Ġnien Indipendenza f'Tas-Sliema, bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema, u fih ħadu sehem numru ta' rock bands ta' żgħażagħ minn Tas-Sliema stess. L-iskop ta' dal-kunċert kien ukoll sabiex jinġabru fondi għall-proġetti li fihom ser ikunu nvoluti l-istess voluntiera.

Waqt illi jferrħu u jiġbru xi flus, dawn l-attivitajiet jgħinu mhux ftit sabiex dawk li ser imorru jaħdmu fuq proġetti jitħarrġu, jirbħu kunfidenza fihom infushom u jitgħallmu jaffrontaw sitwazzjonijiet li jistgħu ikunu diffiċli. Fl-imgħoddi wkoll, bil-fondi miġbura u bl-enerġija ta' dawn iż-żgħażagħ, inbenew laboratorju tal-computers u hostel sabiex jgħinu tfal fil-bżonn.





# Are you being called to the PRIESTHOOD

# And to the SALESIAN way of life?

"A good priest is a truly human person who expresses his love for God in prayer and in love for people. These gifts are sanctified and focused through the grace of ordination when he becomes 'a man for others'."

Cardinal Cormac Murphy – O'Connor

- Do I really want to follow Jesus and show his love to others, especially to the young, as Don Bosco did?
- Is prayer and my own relationship with God at the centre of my life?
- Do I want to be honest and 'real' before God and others?
- Do I enjoy the life and company of other people? Am I approachable?
- Am I concerned for the young, the poor and vulnerable?

If you believe you have a calling to be a Salesian priest then contact the vocations director, Fr. Louis Grech SDB at:

Tel. 21 454546 / 21 456251
or e-mail: vocations@salesiansmalta.org
for more information
www.vocations.salesiansmalta.org



# Borża ta' Studju

**X'INHI BORŻA TA' STUDJU?**
Hija somma ta' flus li tgħinna biex inħallsu parti mill-formazzjoni ta' żagħżugħ li qed iħejji ruħu biex isir saċerdot Salesjan.

**KEMM TRID TAGĦTI BIEX TWAQQAF BORŻA TA' STUDJU?**
Kapital ta' €600

**JEĦTIEĠ LI BILFORS TAGĦTI S-SOMMA F'DAQQA?**
Le. Wieħed jista' jagħtiha biċċa biċċa, tant fix-xhar jew tant fis-sena.

**JEĦTIEĠ LI BILFORS IS-SOMMA TKUN MOGĦTIJA MINN WIEĦED BISS?**
Le. Jistgħu jiftehmu flimkien iktar minn persuna waħda u kulħadd jagħti sehmu. Iżda min joħroġ waħdu s-somma kollha, ikun fundatur ta' dik il-Borża.

**JISTÀ WIEĦED IĦALLI L-BORŻA BĦALA LEGAT WARA MEWTU?**
Jistà. U min jagħmel hekk, jistà jikteb fit-testment: "Inħalli bħala legat lis-Salesjani ta' Don Bosco, is-somma ta' ______ għall-formazzjoni ta' żagħżugħ Malti fl-istess Soċjetà.

# Għin il-ħidma Salesjana

Dawk li huma l-iżjed fil-periklu l-aktar jiħtieġu għajnuna. Dawk li m'għandhomx leħen jeħtieġu xi ħadd jiddefendihom. San Ġwann Bosco kien jafu dan. Hu ħadem f'ħajtu kollha għaż-żgħażagħ, għall-foqra u għal dawk li huma l-aktar fil-bżonn.

Huwa fatt ta' swied il-qalb li llum ħafna żgħażagħ huma:

- vittma ta' min jużahom biex jistgħana
- abbużati sesswalment
- użati mill-mexxejja tad-droga
- imċaħħdin minn valuri essenzjali fil-ħajja

Int tistà tgħinna. Meta qed tagħmel hekk, int tkun qed tieħu sehem fil-ħidma ta' Don Bosco. Alla biss ikun jaf il-ġid li tkun qed tagħmel.

**Ċempel lil Fr Eric Cachia SDB fuq 21 331 447**

# Apparitions of Our Lady

## Our Lady of the Rosary



According to a venerable tradition, the Rosary was revealed to St. Dominic by the Blessed Mother. In the year 1214, as St. Dominic withdrew into a forest near Toulouse, France, for three days of prayer and penance, the Virgin Mary appeared to him, accompanied by three angels, and gave him the Holy Rosary. She said: "*Dear Dominic, do you know which weapon the Blessed Trinity wants to use to reform the world? I want you to know that, in this kind of warfare, the principal weapon has always been the Angelic Psalter (the Hail Mary), which is the foundation-stone of the New Testament. Therefore, if you want to reach these hardened souls and win them over to God, preach my Psalter.*" Our Lady said that any time people recite the Hail Mary they are giving her a beautiful rose, and that at each complete Rosary, they make her a crown of roses, in Latin *Rosarium.* Accordingly, St. Dominic promoted the Rosary for the rest of his life, witnessing an outpouring of graces and conversions.